-

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 61

[Nhar it-Tnejn 16 ta' Ottubru 2023]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' bil-boardroom tal-Kunsill Lokali fil-5pm.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion – Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Ian Buhagiar- Kunsillier
Hugh Caruana- Kunsillier
Mario Azzopardi- Kunsillier
Jessican Borg- Kunsilliera
Alexander Calleja Zammit- Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Jeremy Cardona- Kunsillier

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Deputat Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| 61.1 | Qari tal-ittri ta' apoloġiji |
| 61.1.1 | Id-D.S.E informa li l-kunsillier J.Cardona talab illi jkun skużat |
| 61.2 | Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti nru 60 |
| 61.2.1<br><br>61.2.2<br><br>61.2.3<br><br>61.2.4 | B'referenza għal punt nru. 60.2.3 il-kunsillier N.Chetcuti qal illi hemm bżonn tkun hemm waħda extra tal-plastikk.<br><br>B'referenza għal punt 60.6.7 il-kunsillier N.Chetcuti qal illi l-hoarding tneħħiet.<br><br>Il-kunsillier H.Caruana staqsa jekk saret l-applikazzjoni sabiex Luqa Briffa, wara Muscat Motors, isir one-way. Id-D.S.E qal illi intbagħat l-applikazzjoni. Il-kunsillier N.Chetcuti qal illi din se toħloq bottlenecks f'postijiet oħra. Wara diskussjoni kien hemm qbil illi triq Turu Rizzo wkoll isir one-way.<br><br>Il-kunsillier N.Chetcuti ppropona li l-Minuti jiġu approvati. Il-Viċi Sindku issekondaħ. Kien hemm qbil unanimu.<br><br>Il-kunsillier A.Cachia Zammit daħal fil-17:25 |
| 61.3 | Korrespondenza mas-Sindku |
| 61.3.1<br><br>61.3.2<br><br>61.3.3<br><br>61.3.4<br><br>61.3.5<br><br>61.3.6 | Kien hemm korrispondenza mingħand Swift Tyre Services fejn spjegaw li minħabba x-xogħolijiet illi saru ġewwa Sliema road, għandom diffikultà jidħlu u joħorġu u talbu li jkollom parkeġġ fejn il-garaxx. Kien hemm qbil unanimu li tinżamm parkeġġ bejn 7am u 5pm.<br><br>Membru tal-istaff wassal għall progression ta' Skala. Kien hemm qbil illi J.Busuttil jingħata l-progression.<br><br>Membru tal-istaff ġabet diploma u b'hekk hija intintolata għall-allowance. Kien hemm qbil illi C.Diacono tieħu l-allowance.<br><br>Is-Sindku qal illi m'hemmx preżenza ta' uffiċjali għall-għeluq tat-toroq fejn l-iskola ta' Santa Monika. Se tintbagħat talba lil LESA biex jipprovdu servizz huma.<br><br>Is-Sindku qal illi rċieva mingħand kumpanija lokali li għandom database ta' min jaħdem fis-settur ta' kostruzzjoni u talba li ngħinu billi navzaw lis-suppliers tagħna bihom. Kien hemm qbil. |

| | |
|---|---|
| | Is-Sindku qal illi hemm problema ġewwa triq Manoel De Vilhena peress illi l-bollards se jdumu biex jaslu u kulħadd qed jipparkja fejn ġie ġie. Kien hemm qbil illi isiru dawk il-markings bl-istainless steel għal fejn se jkun hemm parking. |
| **61.4** | **Mistoqsijiet tal-kunsilliera** |
| 61.4.1 | Ma kien hemm l-ebda mistoqsija |
| **61.5** | **Rapporti** |
| 61.5.1 | Ma kien hemm l-ebda rapport. |
| **61.5** | ***Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| 61.5.1 | Il-kunsillier N.Chetcuti qal hemm bżonn bozza oħra ġewwa Imsida road, waqt illi hemm bozza oħra li hi mdawwra fl-istess triq u għanda bżonn tiswija. |
| 61.6.2 | Il-kunsillier N.Chetcuti qal hemm emajl biex kunsilli jipprovdu trasport għall-fun run. Kien hemm qbil illi ssir. |
| 61.6.3 | Il-kunsillier N.Chetcuti qal illi ġewwa Rue D'Argens k/m triq San Albert hemm min hu lest jieħu ħsieb is-soft area li hemm iżda talab illi l-Kunsill jagħlaq l-area madwar is-siġra. Kien hemm qbil. |
| 61.6.4 | Il-kunsillier N.Chetcuti staqsa jekk il-Kunsill se jagħmel dawl tal-Milied bħas-sena l-oħra. Id-D.S.E qal hemm bżonn toħroġ CfQ u l-ewwel irid ikun jaf x'tip ta' dekorazzjonijiet u fejn se jsiru. Lista ġiet ikkonfermata u l-kunsilliera se jibagħtu tip ta' dekarozzjonijiet matul il-ġimgħa. It-toroq huma: |
| 61.6.5 | Manoel de Vilhena: Minn Exquire s'isfel, kif ukoll triq Carlo Manche sa Reid<br>Ix-Xatt<br>Fejn il-klinikk<br>Rue D'Argens<br>Gerry Zammit<br>Sliema road<br>Triq Reid, triq Stuart u triq Ponsoby isir waħda mall-kantunieri. |
| 61.6.6 | Il-kunsillier A.Cachia Zammit fakkar dwar il-framing tal-pitturi li intraw mill-kunsill. Is-Sindku qal kienu saru. |
| 61.6.7 | Il-kunsillier M.Azzopardi talab illi ssir rampa fl-estenzjoni tal-bankina li hemm barra Marshall Court bejn triq ir-Rebħa u Manoel de Vilhena. |
| 61.6.8 | Il-kunsilliera J.Borg staqsiet jekk hemm update dwar il-ġnien. Is-Sindku qal għad hemm bżonn l-approvazzjoni tal-Lands iżda ma rċevejna xejn. |

| | |
|---|---|
| 61.6.9 | Il-kunsillier J.Borg staqsiet hekk hemm update rigward ir-roundabout fejn il-bridge ta' Manoel Island. Is-Sindku qal ma rċieva xejn. |
| 61.6.10 | Il-kunsillier N.Chetcuti qal hemm 2 U-bars fejn A1 bar li għandom jitneħħew. |
| 61.6.11 | Il-kunsillier M.Azzopardi talab li terġa ssir stage fejn l-istadium. Kunsillier qalu li ma tantx hemm spazju biex isir bit-tinda. |
| 61.6.12 | Il-Viċi Sindku staqsa jekk tnaddfu l-culverts. Id-D.S.E qal illi l-handyman kien ħa ħsieb. |
| 61.6.13 | Is-Sindku qal illi kellom jiġu tal-Community Police għal-laqgħa iżda mhux se jirnexxilhom jaslu fil-ħin. |
| **61.7** | **Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti** |
| 61.7.1 | Il-kunsillier N.Chetcuti ippropona li l-PAS jiġu approvati. Il-Viċi Sindku issekondaħ |
| **61.8** | **Mozzjoni** |
| 61.8.1 | Ma kien hemm l-ebda mozzjoni. |
| **61.9** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 61.9.1 | Il-laqgha intemmet ghall-ħabta tas- 7:30pm. Is-seduta li jmiss se tkun fis-27 ta' Novembru.<br>Id-D.S.E qal illi la din se tkun l-aħħar laqgħa tiegħu xtaq jirringrazzja lil kulħadd. |

Konfermati llum 27 ta' Novembru 2023

IFFIRMATA

Conrad Borg Manche
Sindku

IFFIRMATA

Anthony Attard
Dep. Segretarju Eżekuttiv